Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell Ċivili numru:- 17/2015/1

**George Grech [I.D. 209965 M]**
**(appellat)**

**Vs**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited [C 5637] u GasanMamo Insurance Limited [C 3143]**
**(appellanta)**

19 ta' Mejju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ datat 16 ta' Jannar 2014, ir-rikorrent George Grech talab lit-Tribunal tal-Arbitraġġ tiddikjara li Ludwig Camilleri, s-sewwieq u assikurat tal-kumpanniji intimati Thomas Smith Insurance Agency u GasanMamo Insurance Ltd, unikament responsabbli għall-kollużjoni li seħħet fis-27 ta' Frar 2013 ġewwa Ħal Qormi bejn il-vettura BBJ 557 misjuqa minn Ludwig Camilleri u l-vettura HBH 834 misjuqa minn Dorian Grech proprjetà ta' George Grech u assikurata ma' Elmo Insurance Ltd, u konsegwentement tikkundanna lill kumpanijji intimati iħallsu lir-rikorrent George Grech is-somma totali ta' erbgħat elef disa mija u ħames ewro (€4,905) bħala danni konsegwenzjali tal-imsemmija kolliżjoni.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-29 ta' Ġunju 2014, l-kumpanniji intimati wieġbu illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex l-inċident ġara unikament tort u ħtija ta' Dorian Grech, li, *ex admissis,* baqa' ħiereġ minn fuq *stop sign* u laqat lill-parti l-oħra li kien għaddej bid-dritt fuq T-Junction li minnha kien ħiereġ.

3. Permezz tal-*lodo* arbitrali mogħti fid-19 ta' Mejju, 2015, it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda billi:

> *"(i) Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u jiddikjara illi l-inċident in mertu ġara b'tort uniku tas-sewwieq tal-vettura BBJ-557 li kien imprudenti u negliġenti fis-sewqan, saq b'veloċita' qawwija zzejjed fiċ-ċirkostanzi tat-traffiku li fihom kien isuq, u ma żammx proper look out u qabeż il-linja medjana tat-triq.*
>
> *(ii) Jilqa' t-tieni talba u jillikwida d-danni fl-ammont ta' Euro 5912.13, pero'*

*jikkundanna lis-soċjeta' ta' assikurazzjoni tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' **Euro 4905** li hu l-ammont mitlub fit-tieni domanda tal-Arbitraġġ.*

*Bl-interess minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju 2013, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali kif ukoll tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment ma' din il-proċedura."*

4. Illi minn din is-sentenza appellat biss il-kumpannija intimata Thomas Smith Insurance Agency Limited. L-aggravju tagħha huwa fis-sens illi t-tliet raġunijiet li wasslu sabiex l-arbitru jatttibwixxi r-responsabbilità lill-assigurat tal-kumpannija appellanti, senjatament illi Ludwig Cauchi:

   a. saq b'veloċita' qawwija żżejjed fiċ-ċirkustanzi tat-traffiku li fihom kien isuq;
   b. ma żammx *proper look-out;* u
   c. qabeż il-linja medjana tat-triq,

   huma fattwalment skorretti mentri l-iskużanti adottata minnu fil-konfront ta' Dorian Grech hija dijamentrikament opposta għad-duttrina universalment adottata u segwita fir-rigward tad-drittijiet u obbligi rispettivi ta' *main road* u *side road users.*

5. Illi permezz ta' risposta datata 2' ta' Ġunju 2015, l-appellat George Grech wieġeb illi d-deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Illi l-<u>fatti</u> li jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti:-

   - Il-każ jitratta dwar kolliżjoni li seħħet fis-27 ta' Frar 2013 ġewwa Ħal Qormi bejn vettura Isuzu Trooper bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ 557 misjuqa minn Ludwig Cauchi l-assikurat tal-kumpanniji Thomas Smith Insurance Agency Ltd u GasanMamo Insurance Ltd u l-vettura Renault Megane bin-numru tar-reġistrazzjon HBH 834 misjuqa minn Dorian Grech proprjeta ta' George Grech u assikurata ma' Elmo Insurance Ltd.

   - Qabel ma ġew intavolati l-proċeduri, permezz ta' ittra uffiċjali datata 28 ta' Mejju 2013, George Grech interpella lil Ludwig Cauchi u lil Thomas Smith Insurance Agency f'isimha stess u a nom ta' GasanMamo Insurance Ltd u l-istess GasanMamo Insurance Limited għall-ħlas ta' €4,905 rappreżentanti danni sofferti minnu allegatament bħala konsegwenza tal-kolliżjoni li seħħet tort ta' Ludwig Cauchi;

   - Sussegwentament George Grech intavola l-proċeduri odjerni, fejn ġew eżebiti **Dok GSN1** sa **Dok GSN17** rigwardanti l-inċident, il-ħsara u s-survey tal-istess ħsara.

- Skont it-***Traffic Accident Report*** meħud ftit tal-ħin wara l-kolliżjoni:

  - Ludwig Camilleri stqarr li '*kont ġej minn triq il-Kummerċ u ma rajtx lil HBH 834, naf li ħassejt daqqa'.* Bħala *damage remarks* jirriżulta li kellu *'front bumper; fogg lamp, wheel-arch; mudgard right';*

  - Min-naħa l-oħra Dorian Grech stqarr li '*Kont ġej minn triq Concetta Borg waqaft fit-tarf tat-triq, kien hemm Van ipparkjat fil-kantuniera u vettura oħra double parked kelli l-hand brake imtella u dak il-ħin ġie BBJ557 minn triq il-Kummerċ fuq in-naħa tar-wrong side tat-triq u daħal ġo fija'.* Bħala *damage remarks* jirriżulta li kellu *'all front extensive;*

  - Il-warden li mar fuq il-post u ħejja r-rapport irrimarka li '*there were traces of carriageway marking that represents a stop sign, the marking were very faded'.*

- Fil-5 ta' Mejju 2014 xehed **Dorian Grech** li filwaqt li kkonferma d-dikjarazzjoni li għamel lill-warden, żied jgħid li fil-jum tal-inċident kien qiegħed isuq il-vettura HBH 834. X'ħin kien ħiereġ minn Triq Concetta Borg waqaf fit-tarf tat-triq biex ikunu jistgħu jgħaddu l-vetturi ġejjin mil-lemin tiegħu. Stqarr li tella' l-*handbrake* għaliex kienu ġejjin numru ta' karozzi min-naħa tal-lemin. '*Ġiet vettura mix-xellug tiegħu Isuzu Trooper BBJ 557 qabel għal fuq ir-wrong lane u laqat lili'.* Muri l-*isketch* eżebit f' **Dok GSN** qal li ma kienx hemm *stop sign* kif jidher fl-*isketch*, la tabella u lanqas miżbugħa mal-art. Hekk kif kien ħiereġ minn Triq Concetta Borg kellu karozzi pparkjati fuq ix-xellug li tidher fir-ritratt 6/10 u van *double parked* quddiem li saq malli ġara l-inċident. Skont Grech, il-karozza misjuqa minnu ma ċċaqilqitx la bid-daqqa u anqas wara. In kontro-eżami kkonferma li kien ħiereġ minn T-*junction* pero ċaħad li ħareġ 'l barra mill-kantuniera tat-triq li kien ħiereġ minnha. Tenna li minn meta tella' l-*handbrake* sakemm ġie l-*warden*, ħa l-qisien u r-ritratti, il-karozza misjuqa minnu ma ċċaqilqitx. Żied li meta l-vettura li ħabtet miegħu qalbet fuq ir-*wrong way* ma kienx hemm karozzi niżlin minn dik in-naħa. '*Hu ġie bi speed u ma kontrollax il-vann malli għafas il-brake'.* Il-brakemarks jidru fir-ritratt 8/10 tad-**Dok GSN**.

- Fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2014, **George Grech** xehed li l-ispejjeż li saru biex issewwiet il-vettura tiegħu HBH 834 konsegwenza tal-inċident in kwistjoni jammontaw b'kollox għal €5,912.13. Is-soċjetà intimata iddikjarat li l-ammont ta' danni indikat mhux kontestat, peró tibqa kontestata r-responsabilità tal-inċident.

- **Ludwig Cauchi** xehed illi kien għaddej fit-Triq ta' John's Garage f' Ħal Qormi fejn kien hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Kemm fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll fin-naħa tal-lemin kien hemm karozzi *double parked* kif jidher mir-ritratt 9/10. Stqarr li kien għaddej dritt u '*f'daqqa waħda ħassejt xi ħaġa tolqotni fuq in-naħa tiegħi, ċioé fuq il-bumper ta' quddiem. Din ħarġet minn ġo side street fuq il-lemin tiegħi.'* Mad-daqqa għafas il-*brake* u l-karozza daret lejn ix-xellug kif jidher fl-*isketch* tal-*warden.* Fir-ritratti 5/10 u 8/10 jidher kif spiċċaw il-vetturi u l-*brakemarks* tal-vettura tiegħu. Xehed li kien għaddej b'veloċità normali u għafas il-*brakes* x'ħin ħass il-ħabta. Il-ħsara tal-vettura tiegħu tidher fir-ritratti 6, 7 u 10/10. In kontro-eżami xehed li ma rax il-vettura l-oħra. Tenna li ra karozzi *double parked* iż-żewġ naħat tat-triq. Quddiemu t-triq kienet vojata u '*minħabba d-double parking fuq in-naħa tiegħi kelli nżomm lejn in-naħa tan-nofs tat-triq.'* Ċaħad li kien għaddej bi *speed* qawwi u qal li ma kienx għaddej b'aktar minn xi 20 k.f.s. u għalhekk ma jafx jispjega d-danni konsiderevoli sofferti mill-vettura l-oħra. In ri-eżami kkonferma li la ftakar li ra l-vettura l-oħra qabel id-daqqa u lanqas kemm imxiet il-karozza wara li għafas il-*brake.*

- Warden No 409 **Christopher Cutajar** eżebixxa kopja tal-prime note immarkati **Dok CC1** u kopja tar-rapport Etars **Dok CC2** minn fejn jirriżulta x'ra fil-post tal-inċident u xi stqarrew miegħu s-sewwieqa. Spjega li l-linji suwed li hemm fl-*isketch* wara l-vettura BBJ 557 huma *brakemarks*. Dak ta' taħt hu twil 7.3 meters.

- Għal dak li huma l-ammont tad-danni reklamati mill-attur, waqt seduta ghall-ġbir tal-provi d-difensur tas-soċjeta appellanti ddikjara li m'hemmx kontestazzjoni.

7. Is-soċjeta appellanti tilmenta li t-tliet raġunijiet li wasslu sabiex l-arbitru jattribwixxi r-responsabbilità lill-assigurat Ludwig Cauchi, kienu illi: (i) saq b'veloċita' qawwija fiċ-ċirkostanzi tat-traffiku li fihom kien isuq; (ii) ma żammx *proper look-out;* u (iii) qabeż il-linja medjana tat-triq, huma fattwalment skorretti mentri l-iskużanti adottata minnu fil-konfront ta' Dorian Grech hija dijamentrikament opposta għad-duttrina universalment adottata u segwita fir-rigward tad-drittijeit u obbligi rispettivi ta' *main road* u *side road users.* Il-kumpannija appellanti kkwotat partijiet mill-*Highway Code* u tenniet li huwa l-obbligu ta' min ikun ħiereġ minn triq sekondarja għal fuq trid prinċipali li huwa mgħobbi bir-responsabbilità li jesplora tajjeb it-traffiku fit-triq prinċipali qabel ma jazzarda joħroġ għal ġo fiha.

8. Mill-iskiżż u ritratti m'hemmx dubju li Ludwig Cauchi kien il-*main road user* filwaqt li Dorian Grech kien is-*side road user*. Il-qorti żżid li mir-ritratti jidher li sabiex Grech johrog minn Triq C. Borg Calleja għal Triq il-Kummerċ kellu bilfors jixref il-barra għaliex fuq ix-xellug hemm bini u l-ħajt ogħli u mxattar.

Għalhekk ma setax ikollu viżwali tal-karozzi ġejjin minn fuq ix-xellug tiegħu, mingħajr ma jixref għal fuq it-triq prinċipali.

9. Dwar dik il-parti tal-*lodo* fejn it-Tribunal qal li Ludwig Cauchi kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, l-appellanti tgħid li dan ma jirriżulta minn imkien mill-provi u anzi kontradetta mid-dinamika tal-inċident. L-appellanti targumenta li t-tul tal-*brake marks* jindika li l-assigurat tagħha kien għaddej b'veloċità ta' madwar tnejn u tletin (32) kilometru fis-siegħa li m'hijiex veloċita eċċessiva. Il-qorti tosserva li Cauchi stess xehed li qabel l-inċident ma rax il-vettura tal-attur u *'hassejt xi ħaġa tolqotni fuq in-naħa tiegħi, ċioe' l-bumper ta' quddiem'*. Żied igħid li, *"Mad-daqqa bbrejkajt u l-karozza dahret lejn ix-xellug...... Għafast il-brake kif ħassejt il-ħabta"*. Hekk ukoll il-verżjoni li ta lill-warden *a tempo vergine* hi, *'u ma rajtx il HBH 834'*. Mela t-teżi li kien qiegħed isuq b'veloċita ta' 32 km fis-siegħa ma treġix meta tqies li hu stess xehed li ma rax il-vettura tal-attur u kien biss kif seħħ l-impatt li għafas il-*brake*. Dan apparti li l-vettura tal-attur sofriet ħsara konsiderevoli li jindika li l-impatt kien vjolenti u li ma jirriflettix veloċita ta' 42 km fis-siegħa. Għall-qorti dak li xehed Cauchi hu fih innifsu ndizju li ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout*.

10. Il-verżjoni li Grech ta lill-warden taqra:

> *"Kont ġej minn Triq Koncetta Borg waqaft fit-tarf tat-triq, kien hemm Van ipparkjat fil-kantuniera u vettura oħra double parked kelli l-hand break imtella' u dak il-ħin ġie BBJ 557 minn Triq il-Kummerċ kien fuq in-naħa ta' wrong side ta' triq u daħal ġo fija"*

Il-qorti tibda biex tosserva li hi diffiċli għaliha li temmen li Grech, li ried joħroġ fit-triq prinċipali kellu l-*hand brake* imtella' meta tqies li l-vettura tiegħu ma kinitx f'telgħa. F'kull każ, in kontro-eżami xehed:

> *"Qed nara r-ritratt 8/10 fid-Dok GSN, u* ***ngħid illi <u>naqbel mal-brake marks li jidhru fl-istess ritratt</u>****"*.

M'hemmx kontestazzjoni li l-*brake marks* huma tal-vettura ta' Cauchi. *Brake marks* li jidhru wkoll fl-iskiżż li għamel il-warden li nvestiga l-każ.

Meta tqies id-distanza li hemm bejn il-*brake mark* ta' barra u l-vettura ta' Grech (ara wkoll ritratt 5/10), probabilment wara l-inċident Grech ċaqlaq il-vettura tiegħu. Hu veru li Cauchi ma lmentax li Grech ċaqlaq il-vettura u saħansitra Grech xehed li ma ċaqlaqx il-vettura, pero' d-distanza senjalta mill-qorti turi mod ieħor. Rilevanti wkoll kif mir-ritratti jidher ukoll li l-ħsara fil-vettura tal-attur kienet ikbar fin-naħa tax-xufier (ara ritratti 6/10 u 7/10). Prova li tagħti lill-qorti x'tifhem li meta seħħ l-impatt, il-vettura kienet angolata u mhux dritta kif tidher fl-iskizz u ritratti. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li fil-ħin li seħħ l-inċident il-vettura ta' Grech kienet iktar 'il barra mill-posizzjoni li tidher fiha fir-ritratt 5/10.

11. Hu minnu li fl-iskizz il-*brake mark*s jidhru dritti xemgħa u jindikaw li l-vettura ta' Cauchi kienet qegħda tinstaq fil-karreġġata minn fejn suppost kellha tgħaddi. Madankollu r-ritratti juru xenarju għal kollox differenti (ara ritratti numru 7/9 u 5/10), hu evidenti li l-*brake marks* li sab il-warden kienu minn barra jidħlu għall-karreġġata li suppost kien għaddej minnha Cauchi. F'dan ir-rigward hu rilevanti wkoll li Cauchi xehed li qabel seħħ l-inċident ma kienx ra l-vettura ta' Grech. Il-fatt li kien hemm vettura *double parking* kienet timponi l-obbligu fuq Cauchi li jsuq b'iktar attenzjoni u b'inqas *speed*.

12. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li ż-żewġ xufiera huma responsabbli għall-inċident, in kwantu għal:

(a) Dorian Grech li minn triq minuri daħal fi triq prinċipali mingħajr ma żamm a proper lookout. Dan ix-xufier ma kellux bżonn joħroġ dik id-distanza kollha biex jesplora xi traffiku ġej mix-xellug tiegħu u kellu jara dak li kien *in plain view*.
(b) Ludwig Cauchi li saq b'veloċita eċċessiva meta tqies it-triq fejn seħħ l-inċident u t-traffiku li kien hemm fil-ħin li seħħ l-inċident;

13. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tilqa' parzjalment l-appell tas-soċjeta appellanti fis-sens li ser tiddikjara li l-inċident tat-traffiku seħħ tort taż-żewg xufiera, u li huma t-tnejn responsabbli f'sehem ugwali.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tal-kumpannija konvenuta, tvarja id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Arbitraġġ tad-19 ta' Mejju 2015 u tipprovdi minflok billi tiddikjara li ż-żewġ xufiera huma responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq il-Kummerċ fis-27 ta' Frar, 2013. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta appellanti tħallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u ħamsin ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,452.50)[1] bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu ugwalment bin-nofs bejniethom. L-imgħax għandu jitħallas mid-data tan-notifika tal-avviż tal-arbitraġġ lill-istess soċjeta appellanti.**

Anthony Ellul.

[1] Nofs is-somma ta' erbat elef disa' mija u ħames ewro (€4,905).